

# Il-Każini tal-Banda

Onorevoli Evarist Bartolo
Ministru

L-istorja tal-każini tal-banda f'pajjiżna għandha l-għeruq tagħha mill-medju evu, meta l-mużiċisti ta' dak iż-żmien kienu jimxu wara l-purċissjoni tal-festa.

Il-banda kienet dejjem il-fibra tal-komunità - fl-antik meta l-baned kienu għadhom jibdew in-nies tar-raħal kienu jingħaqdu, flimkien ma' oħrajn tan-negozju, biex jgħaqqdu biżżejjed flus biex jixtru l-istrumenti mużikali. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-banda kienet ikona fl-irħula Maltin u Għawdxin: dak il-post fejn in-nies tar-raħal jingħaqdu flimkien biex jiċċelebraw.

Fl-erbgħinijiet numru kbir ta' każini tal-banda ġew iffurmati u kienet il-fondazzjoni tal-qasam kif nafuh illum. Però, ir-ruħ tal-każini u tat-tradizzjonijet m'humiex biss l-istorja, iżda n-nies u t-tiġdid tagħhom. Mingħajr tiġdid, dawn jispiċċaw. Xi kultant inħoss li d-dinja moderna u t-teknoloġija, minflok ġabuna iktar viċin, żiedu d-distanza bejnietna. Iżda l-festa dejjem iġġib sens ta' komunità fl-irħula tagħna. Iġġib magħha affarijiet importanti bħal għaqda, għajnuna lil xulxin fil-lat organizzattiv u ċelebrazzjoni. Hija parti mit-tradizzjoni Maltija li, minkejja t-tibdil tas-soċjetà tagħna, xorta waħda baqgħet waħda relevanti.

Il-każini tal-banda naħseb li jmorru oltre minn sempliċi daqq tal-mużika. Qabel xejn jipprovdu art fertili biex jissaħħaħ it-talent mużikali ta' ħafna żgħażagħ. It-tagħlim li jiġi offrut huwa wieħed importanti għax jattira lejh żgħażagħ li kieku forsi ma kinux jinteressaw ruħhom fil-mużika. Il-każini tal-banda huma parti essenzjali tal-komunità tagħna u jmorru lil hinn mill-mużika.

Il-każini tal-banda, bl-istorja kbira tagħhom, għal ħafna huma ċ-ċentru tar-raħal. Għal ħafna wkoll huma t-tieni familja.

IMPERIAL BAND CLUB MELLIEĦA

**Ħeġġu lil uliedkom jitgħallmu l-Mużika mal-Banda Imperial**




Tel: 2752 4547 (home)
Mob: 9947 7427

**DAILY FRESH IS BEST**

Door to Door Free Delivery

Prop. M. Micallef

Specially in Mellieħa